MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Numru. 813/2003

PULIZIJA
SPETTUR CHRIS PULLICINO
VS
BROOKS LIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Brooks Lia ta’ 30 sena, bin Vincent u Julie nee Meilaq, imwieled Pieta fid-9 t’April 1973 u bhalissa minghajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita numru 168073M talli f’dawn il-gzjjer b’diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda u cioe:-
Talli fil-5 t’Awissu 2003 x’hin wara nofs inhar f’Telghet ix-Xemxija, f’San Pawl il-Bahar ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn gewwa vettura numru ta’ registrazzjoni GAC902 fosthom hifi u dokumenti liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira maltin u bin-natura tal-haga misruqa, sar ghad-detriment ta’ Mark Galea.

Talli fl-20 ta' Settembru 2003 xi hin bil-lejl fi Triq Parades, f'San Pawl il-Bahar ikkommetta serq ta' diversi oggetti min gewwa vettura numru ta' registrazzjoni AAJ851 fosthom hifi liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira maltin u bin-natura tal-haga misruqa, sar ghad-detriment ta' Alfred Mallia.

Talli fil-lejl bejn il-21 u t-22 ta' Settembru 2003 fi triq l-Ghabex, f'San Pawl il-Bahar ikommetta serq ta' diversi oggetti minn gewwa vettura numru ta' registrazzjoni AAI027 fosthom hifi liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira maltin u bin-natura tal-haga misuqa, sar ghad-detriment ta' Christopher Vella.

Talli f'xi lejl matul Settembru 2003 fi Triq il-Pijunieri, f'San Pawl il-Bahar ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom hifi liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bin-natura tal-oggett misruq sar ghad-detriment ta' nies mhux maghrufa.

Talli f'xi lejl matul Settembru 2003 fl-inhawi maghrufa bhala tal-Ghazzenin, f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom hifi liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bin-natura tal-oggett misruq sar ghad-detriment ta' nies mhux maghrufa.

Talli fil-5 t'Awissu 2003 u fix-xhur ta' wara din id-data, xjentement b'kull mod li jkun, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharrraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe ghamel hsara fil-vettura nru GAC 902 ghad-dannu ta' Mark Galea, fil-vettura AAJ851 ghad-dannu ta' Alfred Mallia u fil-vettura AAI027 ghad-dannu ta' Christopher Vella liema

hsara hija ta’ aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500 f’kull kaz.

Talli ghamel falsifkazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fl-iskrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe f’cekkijiet bin-numri 260, 261, 262, u 267 tal-HSBC li jappartjenu lil Seaside Caterers Co Ltd billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Talli ghamel xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza.

Talli iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, u cioe cekkijiet bin-numri 260, 261, 262 u 267 tal-HSBC fuq l-akkont ta’ Seaside Caterers Co Ltd., illi meta jigu presentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwsqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta imsemmija.

Talli b’mezzi kontra l-ligi, jew bili ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq bi hsara ta’ Seaside Caterers Co Ltd, Bank of Valletta u diversi persuni ohra;

Talli kiser il-provediment ta’ l-artiklu 5 tal-kap 152 tal-ligijiet ta’ Malta ta’ sentenza datata 12 ta’ Marzu 2003 fejn hu kien misjub hati ta’ reat u illiberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Fl-ahhar nett talli irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi

sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tal-1 t’Ottubru 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat 261, 263, 264, 267, 270, 271, 334, 325, 49, 50, 183, 184 tal-kap 9 Art 7 u 9 tal-kap 446 u tqieghed lill-imputat taht ordni ta’ probation taht is-sorveljanza tad-direttur tal-Probation Services bil-kondizzjoni li jikkompleta l-programm ta’ riabilitazzjoni kontra id-droga li diga beda mas-Sedqa sal-finalita tieghu inkluz ir-re entry u bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------